Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,443, 23 ta' Mejju, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kap. 425 u biex jipprovdi għal rappreżentanza aktar xierqa tad-diversi tipi ta' sajd fuq il-Bord tas-Sajd u sabiex jagħti effett għal emendi oħra dwar l-istess Bord.

ACT No. XIII of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Fisheries Conservation and Management Act, Cap. 425 and to provide for a fairer representation of the different kinds of fisheries on the Fisheries Board and to give effect to other amendments related to the same Board.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

23 ta' Mejju, 2025

ATT Nru XIII tal-2025

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kap. 425 u biex jipprovdi għal rappreżentanza aktar xierqa tad-diversi tipi ta' sajd fuq il-Bord tas-Sajd u sabiex jagħti effett għal emendi oħra dwar l-istess Bord.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 425.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

A 322

"(2) Il-Bord għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin li għandhom ikunu maħtura mill-Ministru:

(a) membru wieħed (1) mid-dipartiment responsabbli għas-sajd, li jkollu tal-anqas grad ekwivalenti għal Direttur fis-servizz pubbliku;

(b) membru wieħed (1) mill-entità pubblika b'responsabbiltà għall-infurzar tal-liġijiet ambjentali;

(ċ) membru wieħed (1) mill-Forzi Armati ta' Malta;

(d) membru wieħed (1) nominat minn kull koperativa ta' sajjieda reġistrata skont l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi u minn kull organizzazzjoni volontarja li tirrappreżenta lis-sajjieda kummerċjali fuq livell nazzjonali;

Kap. 442.

(e) membru wieħed (1) li jkun sajjied rikreazzjonali nominat mill-Federazzjoni tas-Sajjieda Dilettanti; u

(f) tmien (8) membri oħra li jkunu operaturi attivi ta' bastimenti li jkunu awtorizzati skont dan l-Att sabiex joperaw bastiment tas-sajd u li jaqgħu f'waħda minn dawn il-kategoriji:

(i) żewġ (2) membri li joperaw bastimenti tas-sajd ta' anqas minn tnax (12)-il metru tul li ma jużawx irkaptu rmunkat;

(ii) żewġ (2) membri li joperaw bastimenti tas-sajd ta' anqas minn tnax (12)-il metru li huma suġġetti għal kwota tas-sajd ta' ħut speċifiku;

(iii) membru wieħed (1) li jopera bastimenti tas-sajd ta' tnax (12)-il metru tul jew aktar li jużaw irkaptu rmunkat;

(iv) membru wieħed (1) li jopera bastimenti tas-sajd ta' tnax (12)-il metru tul jew aktar li huma soġġetti għal kwota tas-sajd ta' ħut speċifiku;

(v) żewġ (2) membri li joperaw

bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati għas-sajd tal-lampuki bil-kannizzati:

Iżda l-imsemmija tmien (8) membri għandhom jiġu maħtura mill-Ministru wara sejħa ta' interess fost dawk is-sajjieda li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji:

Iżda wkoll tal-anqas wieħed (1) minn tali membri għandu jkollu erbgħin (40) sena jew anqas:

Iżda wkoll tal-anqas wieħed (1) minn tali membri għandu jkun ta' ġeneru femminili.";

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kelma "*Chairman*" u l-kliem "deputat *chairman*" għandhom jiġu rispettivament sostitwiti bil-kliem "President" u "Viċi President";

(ċ) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Il-Ministru għandu jaħtar President tal-Bord minn fost persuni li jkollhom għarfien profiċjenti, kompetenza u esperjenza fis-settur tas-sajd:

Iżda l-Bord għandu jaħtar Viċi President u segretarju minn fost il-membri maħtura skont il-paragrafi (d) sa (f) tas-subartikolu (2).".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

3. Il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (7) tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

A 324

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 343 tad-19 ta' Mejju, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati